# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA'MALTA

## Decizjoni Nru 20/78

Fil-kwistjoni tax-xogħol
bejn
Is Sinjura Josephine Cassar
u
Messrs Turista Ltd of 'The Eating House' St Julians
dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Chairman: G.A. Craig

Data: 13 ta' Lulju 1978

B'ittra tas-19 ta' Mejju, 1978, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xogħol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sinjura Josephine Cassar mill-Kumpanija Messrs Turista Limited of 'The Eating House', tkeccija li l-appellant tallega li kienet ingusta.

It-Tribunal zamm tmien seduti li fihom deher għas-Sinjura Josephine Cassar is-Sur Paul Bartolo, filwaqt li għat-Turista Limited/The Eating House dehru is-Sur Carmelo Bonello, wieħed mid-diretturi tal-Kumpanija, assistit mis-Sur Charles Pace, il-Catering Manager. F'dawn is-seduti instemgħu bħala xhieda għall-appellant, l-appellant nnifisha Josephine Cassar, Carmel Bonello, John Ambrogio, Charles Cassar, Raymond Gerada, Katy Zammit, Paul Fitzpatrick u Charles Pace, filwaqt li għall-Kumpanija xehdu Lawrence Ceci, Joe Rizzo, Joseph Mifsud, Raymond Blakeman, Alex Gauci, Joe Delmar, Emanuel Bonello, Paul Barbieri, Miss Vanessa Morriss, Joseph Bonello, Charles Pace, u Anthony Bonello. Is-sinjura Josephine Cassar tkecciet minn mat - Turista Limited/The Eating House fit-30 ta' Settembru 1977 fuq allegazzjoni ta' "arrogance and disrespect to the clients".

/..............

Statements of Case - F'li-statement of case taghhom, is-Sur Paul Bartolo ghas-Sinjura Josephine Cassar, issottometta li l-appellant ghandha tigi "reinstated, jigi rtirat il-kwalita ta' certifikat li nghatat u li tithallas b'kumpens tax-xhur kollha li ilha barra mill-Eating House" ghax l-appellant kienet dejjem ta' ezempju tajjeb ghar-Restaurant, dejjem ghamlet aktar milli kellha taghmel biex ir-Restaurant imur il-quddiem, gabet dejjem rispett kbir lill-Management u lil-klienti, ghallmet lil min ma kienx ghadu jaf ix-xoghol sewwa, hadmet extra bla kumpens meta kien hemm bzonn u batiet imhabba dan kollu b'telefonati anonimi u ittra anonima ta' theddida.

Issottometta ukoll li kemm il-General Manager, kemm il-Catering Manager, kif ukoll id-Direttur, is-Sur Carmelo Bonello, kellhom ideja tajba hafna ta l-appellant u li l-istess General Manager iddeskriviha "mara ideali ghar-restaurant".

Ghalh kk ir-raguni migjuba mill-Kumpanija ghat-tkeccija ta' l-appellant kienu bla ebda bazi, anki l-akkuza li l-appellant kienet tpejjep fir-restaurant kienet ukoll infondata.

Min-naha l-ohra il-Kumpanija qalet li l-attitudni tal-appellant kienet bdiet tidher ftit wara li giet impjegata. Kemm il-Catering Manager kif ukoll wiehed mid-Diretturi kellhom okkazjoni li jsejhu l-attenzjoni tal-General Manager dwar dan. Issemmiet okkazjoni meta ikla ta' 'family reunion' giet imhassra wara diskussjoni ftit shuna ma' l-appellant. Il-Kumpanija qalet ukoll li dan l-ahhar, qabel it-tkeccija, l-appellant kienet tikkommenta b'lehen gholi fuq kif jilbsu u jgibu ruhhom il-klienti u fuq l-ikel li kienu jordnaw,u li kienet ukoll tixrob u tpejjep waqt li kienet 'on duty'. Il-Kumpanija kienet lesta tipprova dan kollu bix-xhieda ta' min kien jahdem f'The Eating House u ohrajn.

Dokumenti Esebiti: F'isem Mrs Josephine Cassar is-Sur Paul Bartolo esibixxa dawn id-dokumenti:

i. Kopja ta' ittra iffirmata Victoria Graves bid-data tal-14 ta' Ottubru, 1977, - immarkata Dok 'C';

ii. Kopja ta' ittra ta R.G. Lovelady bid-data tat-12 ta' Ottubru, 1977, - immarkata Dok D;

iii. Kopja ta ittra iffirmata J.W. Graves bid-data ta' 1-14 ta Ottubru, 1977, - immarkata Dok E;

iv. Kopja ta' certifikat bid-data tat-30 ta' Settembru, 1977, - immarkata Dok F.

Xhieda fil-Qosor -L-appellant Mrs Josephine Cassar qalet li hi giet impjegata mal-'Eating House' f'Awwissu ta'1976, bħala 'Waitress', u accettat li ssir 'Head Waitress' bil-patt li Joseph Mifsud jibqa' 'Head Waiter' ukoll. Qalet li hi la 'leave' u inqas 'off' ma qatt ħadet, għax meta kien imissa 'off' dejjem kien jinqala' xi ħaga tax-xogħol. Semmiet ukoll li saħansitra darba kienet mar-ragel u it-tifla tagħha biex jiccelebraw l-anniversary f'dan ir-restaurant, u peress li xi'part-timer' ma daħalx għax-xogħol hi, minjeddha, libset l-uniformi u ħadmet bla pagament. Hi stqarret li hi qatt ma kejlet is-sigħat tax-xogħol li gieli ħadmet 'overtime', u qalet ukoll li s-Sur Pace (il-Catering Manager) dejjem faħħarha, kemm f'wiccha u kemm min warajha u kien jgħid li hi tiswa daqs sitt irgiel. Hija qalet ukoll li qatt ħadd ma wissiha li kienet tpejjep jew tixrob izzejjed; li qatt ma pejpet fir-'Restaurant' izda f'parti maqtugħa għaliha, fejn seta' jidher biss id-duħħan u mhux il-persuna; u li dan kien isir f'xi 'five minutes break', għaliex 'staff room' ma kienx hemm. Il-klienti li kienu jidħlu mill-bieb setgħu jarawhom ipejpu izda meta kienu jaraw klienti deħlin kienu jitfgħu is-sigarett u jmorru f'posthom.

X1. Ziedet tgħid li permezz ta' telefonati anonimi u b'ittra magħmula minn bicciet maqtugħin minn gazzetti u mwaħħla fuq karta, il-ħajja tagħha u ta' bintha ta' 4 snin gew imhedda. B'dan hi rrapportat lil-Pulizija.

X2. Carmel Bonello - Wieħed mid-Diretturi tal-Eating House imgħajjat mill-appellant, qal li għandu l-poteri ta' Direttur kemm biex jissuggerixxi u kemm biex jiddecidi imma għal dik li kienet it-tkeccija ta' Mrs Josephine Cassar id-decizjoni kienet tad-Diretturi u mhux tiegħu waħdu. Hu ma kienx ikkonsulta lil General Manager fuq din il-ħaga izda kien qallu fuq l-agir ta' l-appellant u qallu ukoll ir-ragunijiet li għalihom keccew lil Mrs Josephine Cassar.

John Ambrogio - Qal li hu kien il-General Manager tal-Eating House u kellu sehem fid-direzzjoni sa mil-bidu nett. Kien jimpjega in-nies hu u kien responsabbli ghal anministrazzjoni kollha u jghalaq u jiftah hu barra mill-ewwel xahar. Fuq it-tipjip qal li kien permess ipejpu fir-restaurant "to the extent li joqghodu in a secluded corner". Qal li kien jittratta lill-istaff tajjeb hafna u kellhom kondizzjonijiet ta' xoghol tajbin. Fuq it-tkeccija ta Mrs Josephine Cassar hu ma giex konsultat. Mistoqsi jekk qattx ra lill-appellant fis-sakra, wiegeb li raha darba meta kellha telefonata anonima u ta certu inkwiet u sa fejn kien jaf hu qatt ma kellu 'complaints' fuq Mrs Cassar mill-klientela. Ghall-bidu li staff kien iwassalhom id-dar il-Catering Manager bil-karrozza offruta mill-familja tad- Diretturi, imma, wara li kellu xi rapport ftit antipatiku, kien iwassalhom hu. Hu kellu relazzjonijiet tajba ma'kulhadd inluz il-Catering Manager u id-Diretturi. Lil Mrs Josephine Cassar iddeskriviha "wahda mill-ideal employees of good relationships li jiena qat iltqajt maghhom; kienet trustworthy, kienet matura, kont nafdaha bil-flus u fir-restaurant innifsu." Gieli kellu okkazjoni li jcanfarha. Hu irrezenja mil-karika fl-istess jum li spiccat Mrs Cassar ghaliex ma qabilx mad-decizjoni tad-Diretturi u ghax hassu ingurjat personalment u moralment ghax qabzuh u ma kellux il-wicc jiffaccja l-impjegati l-ohra. Ma ftakarx li qatt kellu tgergir fuq Mrs. Cassar.

Charles Cassar - Barman-qal li hu kien jara lil-appellant li kienet tinteressa ruhha fir-restaurant . Ftakar fit-telefonata anonima u zied jghid li mieghu hadd ma kien gerger fuq l-appellant, u li hu ma kienx ikun jahdem bil-lejl u ghalhekk ma tantx kien ikun jaf x'inhu jigri. Hu gieli gerger ghax kien ikollu joqghod jistenna hafna wara li ir-restaurant jaghlaq sakemm l-appellant u il-General Manager ikunu lesti biex jitilqu.

Raymond Gerada - Barman - iddeskriva l-appellant bhala haddiema tajba. Mistoqsi jekk qatt semghax li xi drabi gabet ruhha hazin ix-xhud wiegeb - "smajt iva imma ma nistghax nikkonferma ghaliex ma rajtbux jien." - Dan id-dgergir kien jigi minn impjegati ohra li jahdmu maghha.

Semma''li l-appellant kienet thobb il-cocktails.

Mrs Katy Zammit - Klienta -Qalet li marret tiekol darba, servieta l-appellant u is-servizz ghogobha hafna.

Paul Fitzpatrick - qal li kien jahdem fil-kcina, qal li l-appellant kienet taghmel ix-xoghol taghha imma billi hu kien jahdem fil-kcina ma setghax jghid jekk kienetx arroganti jew le izda gieli sema'xi tgergir izda ma gharafx jispecifika.

Charles Pace - Catering Manager, xhud ta' l-appellant, iddeskriva ir-relazzjonijiet tieghu fuq ix-xoghol kemm ma' Mrs Cassar u kemm mas-Sur J. Ambrogio bhala tajbin. Qal li meta Mrs Cassar gie li ghamlet hazin hu kien ifiehma bil-mod u gieli irraporta fuqha lis-Sur Ambrogio. Mistoqsi mill-assistent ta' l-appellant jekk kienx jaf b'kazijiet ta' arroganza u disrispett lejn il-klienti min Mrs Cassar, ix-xhud qal li kellu 'complaints' mil-klienti: semma' kaz ta sitt klienti tfajliet li rrapportaw li "kisrithom"; issemma kaz iehor ta' familja mil-Belt li qalulu biex jippreparalhom il-menu ghal xi ikla ta' tnax u din thassret imhabba xi incident ma' Mrs Cassar; kaz iehor kien dak ta' guvintur mil-Belt li gergru fuq Mrs Cassar ghax semghuha tgerger fuqhom. Qal ukoll li kienet tivvolontarja biex tahdem jekk jonqos xi hadd anke meta kienet bil-leave. Mistoqsi mill-assistent ta' l-appellant jekk kienetx Mrs Cassar biss li kienet tpejjep u tixrob, ix-xhud wiegeb " ix-xorb il-bicca l-kbira iva". Qal ukoll li lid-Diretturi hu u l-istaff kollu kienu tarfulhom xi haga izda is-Sur Bonello kien jghidlu "ghidu lis-Sur Ambrogio" u kien dan gieli qallu. Qal ukoll li lill-istaff hu biss kellu l-esperjenza li jittrejnjah.

Lawrence Ceci - Fil-Kcina Xehed li meta Mrs Cassar kienet tidhol fil-kcina b'ordnijiet hi kienet tikkummenta fuq il-klienti. Kien darba sema ukoll xi kummenti min-certi klienti barra mir-restaurant li l-appellant ma ttrattathomx tajjeb, u li ma jergghux jigu imhabba fiha. Mistoqsi jekk l-appellant kienetx ta' ghajnuna jew ta tfixkil ghal-Eating House, ix-xhud wiegeb li fl-opinjoni tieghu ma kienetx ta' ghajnuna.

Joe Rizzo - Barman - qal li mill-esperjenza tieghu l-attitudini ta' l-appellant ma kienetx tajba mal klienti tant li xi klienti klienti kienu gergru fuq l-attitudini tas-servizz taghha, ohrajn kienu qalulu li ddisgustaw ruhhom biha u li ma kienux ser jerggħu jigu ghax il-waitress (l'appellant) imbuttathom bl-attitudni taghha. Qal ukoll li meta jidhlu l-klienti hi kienet tkun bil-qeghda taqra, tpejjep u gieli thit. Fuq il-kwistjoni tad-'drinks' ix-xhud qal li l-appellant kienet tiehu izjed min grogg wiehed, gieli kienu erba, gieli hamsa u gieli jkun bis-sinjal biex id-drink jintghamel doppju. Qal ukoll li mill-bar kien sema' lill-appellant hafna drabi tghaddi kummenti fuq kif jordnaw l-ikel il-klienti u fuq l-ilbies taghhom. Hu gieli gibed l-attenzjoni ta' l-appellant ghal dan u kien ukoll qal lid-Direttur, is-Sur Bonello, izda, meta kienu jghidulu biex jghid lil-General Manager, dan ma kienx jghamlu ghax kien jibza' li jitlef il-post. Fl-opinjoni tieghu l-appellant ma kienetx tajba.

Joseph Mifsud - Assistant Manager. Qal li kien dahal waiter, sar head-waiter u issa Assistant Manager. Meta l-appellant kienet waitress u kien hemm hafna 'complaints' fuqha, hu kien qal xi haga lis-Sur Ambrogio u dan qallu biex ma jaghtix kaz. Sema' ukoll li zewg klienti turisti inglizi qalulu li jekk "that blond girl" ghada tahdem hemm ma jigux izjed. Qal li kien hemm arroganza da parti ta' l-appellant, saru 'complaints', kienet tpejjep u tixrob fil-'bar', mhux "grogg wiehed imma tnizzel il-lejl kollu". Qal ukoll li ma setghax jaghmlilha certi suggerimenti biex tirranga ghax kien hemm zmien li il-General Manager ma kienx ihallieh. Ix-xhud pero zied jghid li meta l-appellant kienet tkun 'off duty' hi kienet xorta wahda tkun hemm u ghinitu.

Raymond Blakeman turist ingliz semma zewg incidenti ta esperienzapersonali li graw waqt li hu kien qed jiekol fl-Eating House u kienet qed isservieh Mrs Cassar, fejn deherlu li s-servizz ta' Mrs Cassar ma kienx sodisfacenti u ma jhajrekx biex terga tmur tiekol hemm. Fil-kliem tieghu qal fuq l-appellant 'you go there once and ... ... you won't go there again'.

Alex Gauci - Ex-Waiter. Qal li hu kien ghamel sentejn id-Dragonara Hotel, spicca bhala wine waiter u ghamel crashcourse il-M.C.A.S.T.; Mistoqsi jekk l-appellant kienetx taf ix-xoghol wiegeb li ghalieh ma kienet taf xejn ghaliex anqas ma kienet kapaci zzomm l-ghodda f'idejha bhal ma hu is-silver service. Mistoqsi ukoll l-appellant kienetx tiehu xi grogg wiegeb li kienet tiehu izjed min wiehed u meta ma kienx ikun hemm nies kienet tixrob kontinwament u kienet ukoll tpejjep hafna.

Joe Delman - Head Barman. Qal li hu ma setghax jitkellem ghax il-General Manager u l-appellant kienu jhedduh li jkeccuh u ghalhekk b'dak li sar jaf mar jghid lis-Sur Pace. Qal ukoll li l-appellant u il-General Manager kienu jixorbu hafna u li kien hemm complaints fejn klienti qalulu li ma jmorrux hemm min habba s-servizz hazin ta' Mrs. Cassar. Fil-fatt dawn il-klienti issa regghu bdew imorru ghax hemm servizz tajjeb u anki l-klienti zdiedu. Mistoqsi mill-Assistant ta' l-appellant jekk jahsibx li Mrs Cassar kienet ta' ghajnuna kemm ghar-restaurant u kemm ghal-kcina, ix-xhud wiegeb li hu jahseb li kienet ta' tfixkil.

Emanuel Bonello - Wiehed mid-Diretturi. Xehed li membri ta' l-istaff kienu igergrulu fuq il-manjieri u s-servizz ta' l-appellant u li hi kienet trid tikkmanda hi. Dan it-tgergir giebu ghall-attenzjoni tal-General Manager u ir-reazzjoni ta' dan kienet li "jekk tiehdu passi inthom nitlaq jien." Qal ukoll li gibed l-attenzjoni tad-Diretturi u dawn riedu jehdu passi biex ikeccu lill-appellant meta jkunu certi li jistghu jaghmlu hekk.

Paul Barbieri - Barman. Qal li hu kellu 'complaints min-nies fuq is-servizz u fuq l-appellant li kienet "arroganti u ma tafx isservi" u li hu kien qal bihom lill-General Manager ghal darba, tnejn, tlieta izda dan ma tax kas. Semma' xi kazi partikolari. Qal ukoll li lill-General Manager kien irreferilu hafna kazijiet, semma li "ma tafx tmur mal-klienti, hafna ghajjat u kliem hazin, gieli toqghod fuq il-counter tpejjep u tixrob". Mistoqsi mill-assistent ta' l-appellant kif kienu ir-relazzjonijiet tieghu ma'Mr. Ambrogio (il-General Manager) wiegeb

/........

"Għal-ewwel kienu tajbin ħafna u ħabta u sabta ma tkellimniex izjed ............ nista nimmagina għax kont nikomplejnja fuq Mrs Cassar".

Miss Vanessa Morriss - Turista. Qalet li kienet spiss tiffrekwenta l-Eating House ma tul sitt gimgħat - kwazi kull jum u kienet toqgħod hemm għal xi sagħtejn kull darba. Fuq l-appellant qalet "She never smiles, she used to smoke, she was hostile, she did not like to serve me, she disliked most customers," u li is-servizz ta' l-appellant "was not good". Mistoqsija mic-Chairman "do you think you were not wanted in the restaurant: wiegbet "No. I used to get on well with the other staff except Mrs Cassar."

Joseph Bonello - Direttur ta l-Eating House u tal-Wembley Motors.

Qal li gieli mar jiekol l-Eating House mal-mara u mal-ħbieb mhux bħala Direttur izda privatament. Fuq l-appellant qal li gieli kienet tittrattah tajjeb u gieli ħazin u spjega in-nuqqasijiet tagħha fis-servizz lilhu. Semma ukoll meta koppja bidlu il-mejda darbtejn Mrs Cassar għamlet għalihom. Qal ukoll li kien sema' min għand ħaddieħor li Mrs Cassar kienet "arroganti", li hu kellu rapporti li kienet "arroganti u tpejjep "Semma meta xi jiem qabel spiccat Mrs Cassar irraporta dan lis-Sur Ambrogio (Il-General Manager) u dan qal li l-appellant kienet tagħmel kollox sewwa.

Charles Pace - Fil-tieni xhieda(għax prodott mill-Kumpanija), qal li gieli kellu complaints fuq Mrs Cassar u li dawn wassalhom lis-Sur Ambrogio (il-General Manager). Għal l-ewwel kien jgħidlu ta spiss, imbagħad meta ra li mhux qed jagħti kaz tiegħu ma kompliex.

Mrs Josephine Cassar - l-Appellant spjegat li lill-Miss Vanessa Morriss kellha istruzzjonijiet biex mas-servihix l-ikel li trid.

Anthony Bonello - Klient - qal li waqt li kien għall-ikel fl-Eating House ħassu li Mrs Cassar kisritu b'rimarka li għaddietlu tant li hu u l-għarusa tiegħu ma kilux izda xorta ħallsu, u ma resaqx izjed l-hemm.

/.......

Sottomissjonijiet finali - Il-Kumpanija sostniet li mix-xhieda li sema' it-Tribunal hija ppruvat li t-tkeccija ta' l-appellant klienet ghal-raguni gusta u sufficjenti. Ix-xhieda kienu nies ta' esperjenza fix-xoghol, kienu imhallta, dawk li ghadhom jahdmu mal-Eating House, ohrajn li ma ghadhomx u ma kellhomx interess jahbu jew jghawgu fatti, nies indipendenti, u id-diretturi. Mix-xhieda hargu fatti li wrew bic-car li l-appellant ma kienitx l-persuna adatta ghax-xoghol li kellha taghmel, kien hemm tgergir fuqha u li mhabba l-attitudini taghha kien hemm telf ta' klienti - u ghalhekk kienet ta' detriment ghal-Eating House.

Sostniet ukoll li kien hemm min wassal tgergir fuq l-appellant lill-General Manager u dan ma ha l-ebda passi u kien ghalhekk li id-diretturi kellhom jaghmlu dak li kien imissu ghamel qabel il-General Manager. Fil-fatt id-diretturi qatt ma mpjegaw jew keccew impjegati - dan kien dmir tal-General Manager - izda gara biss fil-kas ta' l-appellant imhabba li kull tentattiv iehor falla. Dan ghamluh ghax fin-nofs kien hemm l-isem tar-Restaurant, il-'goodwill' u l-'istandard' li jixraq lill-post. Kien ghalhekk li id-diretturi kienu gustifikati li jiehdu dan il-kas mhabba li beda jonqos ix-xoghol, kien hemm tgergir mill-istaff u l-klienti u id-diretturi bdew jaraw b'ghajnejhom. Ma kien hemm ebda kongura kontra l-appellant kif deher car mix-xhieda.

Ghall-appelant, is-Sur Bartolo sostna li x-xhieda qalu dak li qalu mhabba biza'li jitilfu l-impjeg jew il gid li qeghdin igawdu mill-familja tal-proprietarji tal-Eating House u li mhabba fatturi ohrajn xtaq jaghmlu vittma mill-appellant.

Is-sottometta li mhux veru li sar progress minn mindu spiccat l-appellant ghalhiex il-ghadd ta' impjegati naqas u mhux zdied u attakka b'certi dettalji x'intqal minn hafna mix-xhieda u ghamel certi allegazzjonijiet dwar l-imgieba ta' xi uhud minnhom.

Apparti li attakka l-kredibilita tax-xhieda sostna li xi fatti milli nstemghu fix-xhieda ma kienux kif intqalu,

/......

/..........

u ta l-versjoni ta' l-appellant. Qal ukoll li x-xhieda tad-diretturi kienet biss dak li semghu u mhux dak li raw u ghalhekk ma setghetx tigi accettata mit-Tribunal. Fil-fatt il-General Manager cahad kategorikament fix-xhieda tieghu li xi wiehed mid-diretturi qatt ilmentalu fuq l-imgieba ta' l-appellant. Ir-Rabatta l-pont li l-General Manager inqas biss ikkonsultawh id-diretturi qabel ma hadu d-decizjoni li jaghtu s-sensja lill-appellant.

Sostna ukoll li l-appellant kienet efficjenti, ta' mgieba tajba hafna, kienet tahdem u tghin lill-kullhadd, kellha l-esperjenza mehtiega, qatt ma naqset f'xejn, kienet mhedda b'telefonati anonimi u b'ittri, u minkejja dan kollu kienet tahdem u tirsisti u kien ghalhekk li xi membri ta' l-istaff ma kienux jarawha b'ghajn tajba.

Konsiderazzjonijiet Tat-Tribunal

It-Tribunal, qabel xejn, jizen biss dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma' fis-sottomissjonijiet fuq il-meritu tal-kaz. It-Tribunal kellu jara mhux biss kienx hemm htija ta' "arroganza u disrispett" imma anki jekk kien hemm, kienitx tali li timmerita sensja. Kellu ghalhekk jara il-gravita tal-htija, u jekk kienx hemm ukoll agir li kien ta' pregudizzju ghall-isem tar-Restaurant kif irritenit il-Kumpanija.

Il-General Manager fix-xhieda tieghu qal li lil-istaff kien jaghtihom "dik ic-certa liberta sa kemm ma jeccedux il-limiti". Hu kien responsabbli ghall-istaff,jimpjega u jkecci,u fil-fatt hu kien kecca zewg impjegati fuq misconduct u wara dahhalhom "part-timers". Iddeskriva lill-appellant bhala "wahda mill-ideal employees of good relationship li jiena qatt iltqajt maghhom; kienet mara trustworthy,kienet matura, kont nafdaha fil-flus, kont nafdaha bir-restaurant innifsu" li ghalieh "kienet wahda mill-aktar relationships ideali li jista jkollu entraprenour", qal ukoll li hu telaq il-post ta' General Manager meta id-diretturi ma kkonsultawhx fuq it-tkeccija ta' l-appellant u b'hekk cekknuh f'ghajnejn l-istaff.

/.......

Il-għadd il-kbir tax-xhieda l-oħra ma qablux wisq ma' dak li qal il General Manager. Kif wieħed jista' jara minn kif iddeskrivew lill-appellant fix-xogħol tagħha u waqt il-ħin tax-xogħol, li hi kienet fil-fatt tixrob - mhux li tkun fis-sakra, - tpejjep u certu diportament tagħha ma' xi klienti ma kienx dak li kien mistenni. Irrizulta mill-provi li kien hemm tgergir li gie li dan wasal f'widnejn il-General Manager u li ma dehrux li ttieħdu passi. Kien għalhekk li d-diretturi gew f'pozizzjoni li kellhom jeħduhom huma, u ma ħaduhomx qabel ma kienu kostretti li jeħduhom, għax kif intqal fis-sottomissjonijiet tal-kumpanija, kull tentattiv ieħor falla.

Dak li sostniet l-appellant ma giex sostnut ħlief minn xhud wieħed biss u, f'dettalji zgħar, minn zewg xhieda oħra, waqt li dak li sostniet il-Kumpanija gie pruvat mill-maggoranza kbira tax-xhieda, li hemm impjegati, ex-impjegati, diretturi u klienti.

F'ħafna 'awards' tal-Arbitragg kif ukoll f'decizjonijiet ta' dan it-Tribunal, barra mill-principju ta' ekwita', issemmew ħafna il-princiji enuncjati fil-paragrafu 2 tad-dokument ta' l-I.L.O. magħruf bħala "The Termination of Employment Recommendation" li jgħid li l-impieg ma għandux jigi terminat minn min iħaddem jekk mhux "for a valid reason connected with the capacity or conduct of the worker or based on the operational requirements of the undertaking." Dan it-Tribunal għalhekk ezamina ix-xhieda mismugħa bil-gurament fid-dawl ta' dawn il-princiji.

AWARD

Għal dawn ir-ragunijiet u ta' l-aspetti kollha tal-kas, it-Tribunal ma jistax isib favur l-appellant u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

G.A. Craig
Chairman

S Grech
Segretarju

fp